# IL-GĦANJA TAL-ĠLIEDA

*Awwissu ġabar qamħu w mar bis-sliema.*
*Settembru beda jaħseb biex isajjar*
*L-inbid fil-ġwiebi — id-demm sħun li jtajjar*
*Minn ġol-qalb u mill-moħħ kull ħsieb ta' ndiema.*

*Bdiet il-ħamla li ġġorr kollox quddiemha.*
*It-triqat ta' l-ibliet saru bħal xmajjar,*
*F'tarfhom il-Mewt. Id-demm mela l-għadajjar*
*Li jirfsu bla jintebħu il-ħalliema.*

*U twaqqgħu siġar xjuħ, twaqqgħu blanzuni,*
*Mietu nisa w irġiel bla ebda ħtija,*
*Mietu minn kullimkien, mietu miljuni.*

*Intradmu nħawi sħaħ, spiċċat sbuħija,*
*Inħasdu popli w ġnus, tneħħew kuruni,*
*U twaqqfet saltna kbira ta' ħruxija.*

**M. MIZZI.**